**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 1275/00JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Saviour Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnax-lira Maltija u hames centezmi (Lm212.05) rappresentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 334445 installat fuq talba ta' l-istess konvenut fil-fond 303 Upper St. Albert Street, Gzira, bl-ispejjez**

**kollha inkluzi ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 1998, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnax-lira Maltija u hames centezmi (Lm212.05) bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Jannar, 1998.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar, 1998, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**